**<u>Minuti tar-Raba' (04) Laqgħa ta' l-Ewwel Kumitat Amministrattiv Burmarrad li saret nhar il-Hamis 28 ta' Ottubru 2010 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar fis-5.30 ta' filgħaxija.</u>**

Il-laqgħa bdiet fil-5.40 ta' filgħaxija.

Il-Membri kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Chairperson Ray Bartolo | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Vici-Chairperson Simone Aquilina | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Membru Peter Abela | 5.40p.m. | 8.30 p.m. |
| Membru Carmel Hili | 5.35 p.m. | 8.30 p.m. |
| Membru Joseph Mario Hili | 5.35p.m. | 8.30 p.m. |

Iċ-Chairperson mexxa l-laqgħa tal-kumitat.

Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea u s-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri, kienu preżenti għal-laqgħa.

**1.0 Qari tal-Minuti tal-Tielet (03) Laqgħa li nżammet nhar l-Erbgħa 13 ta' Ottubru, 2010**

1.01 Il-minuti kienu ntbagħtu qabel il-Laqgħa u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti u dawn ġew approvati unanimament.

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti**

2.01 **Dwar Item 2.01 –** Dwar il-possibilita' ta' mobile għall-użu tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad intqal li s-Sinjura Cynthia Misokova mid-Dipartiment tal Kunsilli kienet qalet li kienu qed jahdmu fuq din it-talba u tinfurmana.

2.02 **Dwar Item 2.03 –** Dwar il-possibilita' ta' *sleeping-policeman* inqrat ittra mit-Transport Malta li turi li fill-prinċipju huma kontra li jsiru *sleeping-policemen* bħala mod ta' kontroll tat-traffiku.

2.03 **Dwar Item 8.00** –Ic-Cairperson, is-Sur Ray Bartolo, qal li huwa kien tkellem mall-kumitat tal-festa dwar it-tiżjin bid-dawl għal żmien il-Milied u ġie infurmat li huma kienu lesti li jżidu fit-tiżjin. Ġiet għalhekk approvata s-somma ta' madwar elf (1,000) Ewro sabiex jinxtraw aktar dwal u dawn jinżammu fil-koustodja tal-Kumitat fill-*garage* tal-Kunsill u jiġu irreġistrati fl-*assets register*. Sar qbil li tiġi provduta *insurance cover* lill-grupp li ser jieħu ħsieb dan l-armar.

2.04 **Dwar Item 9.01** – Is-Sinjura Simone Aquilina rrapurtat li l-attivita' ta' *Clean Up Day* gol-Wardija kienet suċċess tant li mtlew 4 *skips*. Ġie approvat unanimament il-ħlas ta' dawn l-erbgha *skips*.

2.05 **Dwar Item 9.02** – Is-Sur Carmel Hili informa lill-Kumitat li kien ser jibgħat *template* sabiex il-Membri jimlew id-dettalji u s-*CV* tagħhom għal fuq il-*Web-Page* tal-Kumitat.

2.06 **Dwar Item 9.03 –** Ic-Chairperson, is-Sur Ray Bartolo informa lill-Kumitat li *items* 1, 9 u 11 kienu tlestew filwaqt li x-xogħolijiet fuq l-*items* l-oħra kienu qed jitkomplew.

**3.00 Korrispondenza u Komunikazjonijiet.**

3.01 Inqrat korrispondenza b'talba għal *Loading/Unloading Bay* ħdejn il ħanut 'Tuck-A-Bag' u li ż-żona ta' ħdejn il-knisja ta Burmarrad issir bis-sistema ta' *timed-parking*. Il-Kumitat filwaqt li qabel li ma' hemmx oġġezjoni għall-*Loading/Unloading Bay*, ma' jaqbilx dwar sistema ta' *timed-parking* minħabba l-quddies u funzjonijiet oħra fil-knisja. Ic-Chairperson, is-Sur Ray Bartolo qal li dan is-suġġett għandu jiġi studjat u terġa ssir diskussjoni dwaru fil-laqgha tas-Sotto-Kumitat ta' l-Immaniggjar tat-Traffiku għaliex l-

interess tar-residenti għandu jiġi l-ewwel. Jekk tiġi aċċettata din il-proposta ta' *timed-parking*, il-ħin għandu jkun ta' l-anqas ta' siegħa u nofs.

3.02 Ic-Chairperson qara ittra mingħand il-MEPA dwar permess ta' tħaffir ta' trinka għall-ilma u drenaġġ fit- Triq ta' Ċampra. Ġie spjegat li għalkemm dan it-tħaffir kien ser joħloq inkonvenjent għar-residenti, dan kien xogħol bżonjuż u kien jinħtieġ li jsir. Ic-Chairperson qal ukoll li ntbaghtu sett ta' mistoqsijiet lill-Enemalta fir-rigward ta' dawn ix-xogholijiet.

3.03 Ic-Chairperson, is-Sur Ray Bartolo informa li kien irċieva korrispondenza b'aħbar tajba li l-kumitat gie mogħti ghoxrin elf (20,000) Ewro taħt l-iskema tal-Memo 94/2010 biex isiru diversi xogħolijiet ta' tisbiħ fosthom: Bankijiet u xogħol ieħor f'San Pawl Milqi, Outside Gym Equipment u tapit apposta fill-playing field, bankina ma' l-irziezet tal-gvern fi Triq il-Witja ma' Triq l-Imdawra, u *soft-area* fill-Wardija. Dwar din ta' l-aħħar, il-perit tal-Kunsill irid japplika l-MEPA għall-permessi meħtieġa.

**4.00 Diskussjoni Dwar Finanzi tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad.**

4.01 Is-Sinjura Romina Perici Ferrante, l-*accountant* tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar, ġiet mistiedna tindirizza l-laqgha tal-Kumitat sabiex tispjega l-pożizzjoni tal-finanzi tal-Kumitat. Hija qalet li jekk wieħed jeskludi l-*commitments* li għandu l-Kumitat fuq xogħol b'*tenders*, jibqa bilanċ ta' madwar Ewro 12,578. Hija, iżda, qalet li jista' jkun għad fadal kontijiet ta' xogħol (bħal *patching* u xogħol iehor li jagħmel il-kuntrattur Adam Bugeja) li għadhom ma' waslux u għalhekk mhumiex imdaħħlin.

**5.00 Diskussjoni Dwar il-*Budget* tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad.**

5.01 Ic-Chairperson, is-Sur Raymond Bartolo, spjega li dan l-item kien diġa ġie diskuss f'item Nru. 4 u li għandu jerġa jiġi diskuss meta ssir magħrufa l-allokazjoni ta' fondi mill-Gvern Ċentrali għas-sena 2011.

**6.00 Tenders**

6.01 Saret diskussjoni fuq il-lista ta' *tenders* li għandu l-Kunsill u ġie studjat liema *tenders* jistghu jigu amalgamati flimkien biex il-Kumitat Amministrattiv Burmarrad joħroġ tnejn jew tliet *tenders* b'xogholijiet diversi għal rasu bit-tama li jkollna kuntrattur indipendenti mill-Kunsill u ghalhekk inkunu aktar efficjenti. Ġie deċiż li din il-materja terġa tiġi

diskussa f'laqgħa oħra. Ic-Chairperson, is-Sur Ray Bartolo qal li għandu jippreżenta lista ta' *groupings* ta' *tenders* għall-konsiderazzjoni tal-Kumitat.

6.02 Dwar it-tender tal-ġbir taż-żibel, intqal li fil-preżent il-kuntrattur qed jitla biss darba fil-Gimgħa l-Wardija. Dan għandu jiġi studjat ukoll.

6.03 Waqt din id-diskussjoni issemma l-każ ta' jekk il-Kunsilli jistgħux jirranġaw ħitan tas-sejjieħ li l-ghelieqi mdawwra bihom jaqghu taht il-livell tat-triq. Għandu jintalab parir dwar dan.

**7.00 Ħwejjeġ Oħra.**

7.01 Is-Sinjura Simone Aquilina infurmat li ser tippreżenta *site-plan* lill-Kumitat fejn għandu jsir *gutter* ieħor ħdejn l-iskola tal-Wardija għaliex sar wieħed biss u hemm bżonn isir ieħor. Hija qalet ukoll li fiż-żona ta' ħdejn Bianchi hemm bżonn ta' patching. Hija għandha tissuplixxi l-isem tat-triq in kwistjoni. Hija semmiet ukoll li hemm *scrap-yard* illegali wara l-ex-Thursdays Disco. Hemm bżonn li l-MEPA tieħu azzjoni dwar dan.

7.02 Il-Membru Carmel Hili talab li tiġi solvuta il-problema tal-funtana tal-pjazza ta' Burmarrad. Reġa fakkar fil-bżonn tal-*welcome-boards* u li jinbidlu l-*flower-pots* li tmemru biż-żmien.

7.03 Il-Membru Joseph Mario Hili staqsa jekk tistax titranġa t-triq privata Madonna ta' l-Abbandunati li tintuża mir-residenti tal-Wardija għas-smiegħ tal-quddiesa gewwa kappella privata. Ġie deċiż li mhux permess li jintefqu fondi publiċi f'toroq privati.

Huwa ppropona li l-Laqgħat tal-Kumitat jibdew jiġu rekordjati. Billi ma kienx hemm ftehim dwar dan saret votazjoni fuq din il-mozzjoni tas-Sur Joseph M. Hili li ġiet issekondata mis-Sur Carmel Hili. Il-mozzjoni li l-Laqghat jiġu rrekordjati ma għaddietx b'żewġ voti favur (JMH u CH) u tliet voti kontra (RB, PA u SA).

Is-Sur Joseph Mario Hili talab ukoll li l-*culvert* ta' quddiem il-M.U.S.E.U.M. jiġi mnaddaf għaliex huwa kollu mblukkat. Iċ-Chairperson qal li dan kien ġie mnaddaf diversi drabi mill-ħaddiema tal-Cleansing Department

7.04 Iċ-Chairperson, is-Sur Ray Bartolo, qal li hemm bżonn li ssir tabella fit-telgħa tal-Wardija li tindika li t-triq tidjieq, tinżebaħ il-koxxa tal-bini b'żebgħa apposta biex tidher mis-sewwieqa ta' karozzi li jkunu telgħin u b'hekk jitnaqqas il-periklu, u titwaħħal tabella oħra li *tindika right-of-way.*

**8.00 Gheluq**.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija.

Ray Bartolo
Chairperson

John J. Camilleri
Segretarju Eżekuttiv.